# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-18 ta' Marzu 2021**

**Appell numru 260/2019**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ronald CUTAJAR**

1. Dan huwa digriet in segwitu għal talba magħmula mill-appellanta ai termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz ta' sentenza deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2019, wara li l-appellant kien ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 t'April 2018, bejn il-1700 u 2030 ġewwa Triq Girolamo Cassar, il-Floriana (in suċċint) :

   i. Ikkommetta serq kwalifikat bil-valur li ma jaqbisx l-€2329.37, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a deteriment ta' Quentin Bugeja jew persuni oħra;
   ii. Li kkommetta ħsara volontarja fuq il-vettura SQM131 a dannu ta' Quentin Bugeja jew persuni oħra;

iii. Li kkommetta r-reat ta' riċettazzjoni;
iv. Li kiser il-kundizzjonijiet inklużi f'digriet tal-ħelsien mill-arrest datat 2 ta' Frar 2017;
v. Li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħu jiġu mibdula,

Huwa kien ġie misjub mhux ħati tar-raba u l-ħames imputazzjonijiet u ġie liberat minnhom, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u ġie ikkundannat għall-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija minbarra li ordnatu jħallas is-somma ta' erba' mija u ħmistax il-ewro bħala kumpens għad-dannu subit mill-vitma Quentin Bugeja.

3. Kif intqal qabel Ronald CUTAJAR appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn huwa ma ġiex misjub ħati filwaqt li tħassarha fir-rigward ta' fejn instab ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u tnejn u b'hekk jiġi liberat minn kull ħtija u piena dwarhom jew sussidjarament billi tirrevoka il-piena u l-konsegwenzi imposti fuqu.

4. Illi permezz ta' rikors datat 9 ta' Frar 2021 l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tagħha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kapitou 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi permezz ta' risposta datata 12 ta' Frar 2021 l-Avukat Ġenerali iddikjarat li kienet qegħda topponi għat-talba.

6. Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2021 fejn l-Avukat Ġenerali iddikjarat li f'dan il-każ ma kienx hemm l-impedimenti legali msemmija fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda l-Avukat Ġenerali żammet ferm mal-oġġezzjoni tagħha in kwantu saħqet li din it-talba kienet qed issir fi stadju inoltrat tal-proċeduri kif ukoll li r-rikorrent ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Id-Difiża saħqet li l-provi dwar kemm l-appellant kien ibagħti mill-vizzju tad-droga kienu jirriżultaw mill-atti infushom. L-appellant kien fil-passat wera' atteġġjament ambivalentifir-rigward ta' kemm huwa ried jinqata' mill-vizzju tad-droga. Iżda maż-żmien, anke grazzi għas-servizzi tal-Uffiċjal tal-Probation u Parole, l-appellant kien għamel progress sostanzjali billi beda jieħu posizzjoni soda u netta lejn ir-rijabilitazzjoni tiegħu. Id-Difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tisma' x-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation u Parole Joanna Farrugia.

8. Rat li din il-Qorti kienet laqgħet it-talba tad-Difiża sabiex f'dan il-każ jiġi mistħarreġ jekk u safejn ir-rikorrent kien jikkwalifika sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga. Inoltre ordnat li tiġi mismugħa l-Uffiċjal tal-Probation u Parole Joanna Farrugia.

9. Semgħet ix-xiehda ta' Joanna Farrugia u rat l-atti tal-proċeduri.

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-każ.

11. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat**

Illi Joanna Farrugia ikkonfermat bil-ġurament tagħha li hija kienet ilha ssegwi lir-rikorrent. Huwa kellu l-ewwel kuntatt mad-Dipartiment lura lejn l-2003 fejn kien qiegħed jiġi segwit fuq ordni ta' probation. Minn hemm ir-rikorrent kien baqa' jiġi regolarment segwit minn dak id-Dipartiment minħabba li kien fetaħ diversi każijiet iżda fil-kontemp kien gawda wkoll minn diversi ordnijiet ta' probation jew superviżjoni. Din l-Uffiċjal ikkonfermat li r-rikorrent kien ilu bil-problema tal-abbuż mid-droga sa minn meta kellu ħmistax il-sena. Minkejja dan huwa ma kienx għamel l-almu tiegħu biex jinfatam minn dan il-vizzju.

Iżda għal dawn l-aħħar sena jew sena w nofs ir-rikorrent beda jkun aktar konsistenti fl-imġieba tiegħu lejn li jaqta' l-vizzju mid-droga. Illum il-ġurnata huwa kiber u għandu xogħol, għandu familja b'sieħba u żewġt ulied li huma adulti. Il-ħajja tiegħu hija aktar stabbli milli kienet qabel u kien qiegħed isib support mill-familja tiegħu. Ir-rikorrent fil-fatt attenda għal diversi appuntamenti ma' din l-Uffiċjal fejn anke ttieħdulu diversi kampjuni tal-urina li rriżultaw fin-negattiv. Ir-rikorrent kien bniedem bieżel u li fil-preżent qiegħed jaħdem fil-kostruzzjoni u jsuq il-gafef.

Ir-rikorrent, fi ftit kliem kien qiegħed juri ċertu sforz konsistenti biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan a differenza ta' dak li kien jagħmel fil-passat. L-Uffiċjal tal-Probation qalet li mill-esperjenza tagħha f'dan il-każ ir-rikorrent ma kienx bniedem li kien juża d-droga okkażjonalment. Jiġifieri jekk kien juża kien juża bis-saħħa. B'hekk il-fatt li huwa jidher li żamm lura minnha għal dan iż-żmien kollu juri impenn u sforz konkret lejn ir-rijabilitazzjoni tiegħu.

## Ikkunsidrat

12. L-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi s-segwenti:-

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.
>
> (2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
> (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
> (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

13. Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

Dan il-każ jolqot it-tieni xenarju ċjoe fil-każ ta' reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. F'dan il-każ ir-reati li tagħhom instab ħati jikkwalifikaw fit-termini tal-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u

b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

15. Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

16. Din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless tal-provi prodotti f'dan il-

każ ir-rikorrent issodisfa l-grad ta' prova meħtieġ minnu biex jipprova l-estremi tal-artikolu 8(1)(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ tiegħu.

17. Mix-xiehda ta' Joanna Farrugia jirriżulta li r-rikorrent kellu l-vizzju tad-droga fiż-żmien meritu għal dan il-każ, u kien anke jmur ħafna aktar lura minn hekk. Kien hemm ir-rabta meħtieġa bejn il-vizzju tad-droga tar-rikorrent u l-kommissjoni tar-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati. Dan jagħmel sens ukoll meta wieħed iqis li oġġettivament bosta drabi jkun hemm rabta bejn l-abbuż mid-droga u l-ħajja ta' kriminalita bi speċjalizzazjoni fir-reati kontra l-patrimonju bħal dik murija mir-rikorrenti. F'ċerti ċirkostanzi, dawn iż-żewġt forom t'attivitajiet illegali jassumu relazzjoni kważi simbjotika. Fil-fatt f'dan il-każ ir-rikorrent prova sal-grad rikjest minnu li r-reati li bihom ġie mixli u misjub ħati tagħhom kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tiegħu.

18. Ir-reat ta' serq kwalifikat bil-valur minuri l-€2329.37, il-mezz u x-xorta tal-ħaġa misruqa kif ukoll il-ħsara volontarja ma humiex reati esklużi mill-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent għamel progress sostanzjali fid-direzzjoni tar-rijabilitazzjoni tiegħu. Din il-Qorti lesta li tagħti lir-rikorrenti din l-opportunita li juri kemm verament irid li jeħles minn dan il-vizzju billi jitqiegħed għal dawk l-ordnijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

20. Imbagħad, wara kollox, jekk dak il-Bord, wara li jeżamina l-fatti jikkonsidra li r-rikorrent mhux juri impenn jew ma jkomplix juri impenn serju lejn ir-riabilitazzjoni tiegħu, il-Bord xorta waħda jirrakkomanda li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tagħha sabiex

tikkonverti lilha nnfisha għal Qorti dwar id-Droga u tipproċedi bil-kawża u din il-Qorti imbagħad tkompli bit-trattazzjoni ta' dan l-appell, li jitratta fost affarijiet oħra il-piena ta' tmintax il-xahar priġunerija skont kif mogħtija fis-sentenza appellata.

Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju l-Qorti ssib li r-rikorrent ipprova sal-grad rikjest minnu skont il-Liġi li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jissussistu fil-konfront tal-każ tiegħu, tilqa' t-talba u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lil Ronald CUTAJAR quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali nonche lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

**Aaron M. Bugeja**

**Imħallef**